# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 14/2013**

Il-Pulizija

(Supt. Martin Sammut)

vs

**Wayne Delia**

**u**

**Omissis**

iben Martin, imwieled Pieta' fil-21 ta' Novembru, 1985, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 574785(M)

Illum, 26 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Wayne Delia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-24 ta' Awwissu, 2007 ghal habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl (23:15hrs) gewwa Triq Elija u Triq Sant'Andrija San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC1314 R. Ambrogio, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtortita' kompetenti;

2. Ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ PC1314 R. Ambrogio, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. Ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-gisem ta’ PC1314 R. Ambrogio;

4. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ unifomi tal-Pulizija, liema hsara ma tiskorriex l-hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ telefon cellular, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50), izda ma tiskorriex l-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu taPC1314 R. Ambrogio;

6. Volontarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied;

7. Ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ PC1314 R. Ambrogio jew ma hallewhx jew fixkluh waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijietu billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor;

8. Talli kissru ordni tal-Qorti li ma jaghmlux reat, liema ordnijiet gew moghtija b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta.

Wayne Delia wahdu akkuzat aktar talli fl-24 ta’ Awwissu, 2007 ghal habta tal-hdax u kwart ta’ bil-lejl (23:15hrs), gewwa Triq Elija u Triq Sant’Andrija San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

9. Ittanta jew hajjar lill-PC1314 R. Ambrogio, ufficjal pubbliku, biex jaghmel delitt ta’ korruzzjoni;

10. Saq jew kellu kontroll tal-vettura KAK713, tal-marka Volkswagen, meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

11. Irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Jannar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 96(a), 221(1), 222(1)(c), 325(1)(b)(c), 338(dd), 338(ee), 17(h) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront ta'l-imputat Wayne Delia biss, l-artikolu 120(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15A, 15E(4), 15I(3), 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li illiberat lill-imputat mit-tieni u mit-tmien akkuza migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghhu.

L-imputat gie ikkundannat ghal perijodu ta' ghaxar xhur prigunerija b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin illi l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn ghar-riabiltazzjoni tieghu mil-vizzju tad-droga. Wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imputat ihallas lill-PC1314 Raymond Ambrogio s-somma ta' €372.70 u lill-Kummissarju tal-Pulizija s-somma ta' €16.31 u dana fi zmien sena mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Wayne Delia pprezentat fit-28 ta' Jannar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberatu mill-ahhar akkuza jew ahjar astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha, tilliberah mill-akkuza taht l- . artikolu 96 u minflok tinkwadra l-fatti taht l-artikolu 95 bl-assorbiment ta' diversi reati ohra fl-istess akkuza, dwar id-danni volontarji tirriducihom skont il-valur u tilliberah kompletament mit-tentattiv ta' korruzzjoni u tikkonfermaha ghall-kumplament dwar dik li hija rejita u konsegwentement tirriformaha dwar il-piena u l-ammont ta' danni li ghandhom jithallsu lill-PC Ambrogio.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**Distinzjoni bejn l-artikolu 96 u l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali**

Il-Qorti tat, bir-rispett kollu, interpretazzjoni mhux korretta tal-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali ghall-fatti partikolari ta' dan il-kaz. Jekk wiehed jara l-artikolu 95(1), lill-ufficjal pubbliku persuna li thedded jew sahansitra taghmillu offiza fuq il-persuna waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel servizz jew anke bil-hsieb li tbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-

ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jaqa' taht l-artikolu 95. L-artikolu 96 bil-maqlub huwa meta jkun hemm l-esekuzzjoni tal-ligi. Hemm differenza bejn il-persuna inkarigata minn servizz pubbliku in generali u l-iehor illi jkun qieghed, u dan huwa l-kliem l-aktar importanti, jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti. Per ezempju marixxall tal-Qorti illi jkun quddiem il-Qorti u jigi ingurjat jew anke jkun fl-awla u jkun hemm xi hadd jheddu, jaqa' taht l-artikolu 95. Pero' jekk ikollu ordni l-marixxall biex jizgombra jew biex izomm persuna u l-istess marixxal f'awla tal-Qorti jkollu l-ordni biex jesegwixxi l-ligi, allura hemmhekk aktar mill-persuna, l-oltragg qieghed isir lejn l-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni. Hemm differenza bejn servizz u esekuzzjoni tal-ligi. Ma jirrizulta minn imkien illi l-pulizija Ambrogio " intima l-arrest lil Wayne Delia. Kieku kien intimalu l-arrest, allura tajjeb jew hazin, " hemm ordni ghall-esekuzzjoni tal-ligi" illi wiehed irid jobdiha.

Il-Oorti ikkwotat in-noti tal-Profs. Mamo u jghid illi jekk l-ordni tkun giet esegwita, dak li jsir wara ma jammontax ghall-ksur tal-artikolu 96. Dan huwa element importanti ghaliex minn hawn tohrog id-distinzjoni bejn iz-zewg reati. F'dan il-kaz kien hemm elementi tal-Artikolu 95 imma ma kienx hemm l-elementi tal-artikolu 96. Fit-tieni lok, il-prosekuzzjoni allegat u l-Qorti laqghet l-akkuza illi Wayne Delia kien fi stat ta' sokor u ghalhekk ma setax isuq vettura.

L-Artikolu 34(4) tal-Kodici Kriminali ghandu eccezzjoni partikolari u distinta mis-sub-artikoli (1), (2) u (3) tal-istess artikolu. Dan jghid illi l-istat ta' sokor ghandu jitqies sabiex jigi stabbilit jekk il-persuna akkuzata kinitx iffurmat l-intenzjoni specifika jew xort'ohra li minghajrha ma kinitx tkun hatja tar-reat.

Dan ifisser li jekk persuna kien fi stat ta' xorb ta' tali gravita kif jinghad fl-akkuza dwar is-sewqan, allura l-prosekuzzjoni trid tipprova illi xorta wahda kien ghadu fi stat illi jista' jifforma dik l-intenzjoni specifika rikjesta mill-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, filwaqt illi tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-artikolu 95. Ghalhekk is-sentenza ghandha tigi riformata billi waqt illi jissussistu l-elementi tal-artikolu 95, ghandu jigi liberat mill-akkuzi taht l-artikolu 96.

**Dwar id-danneggament volontarju**

Hemm allegazzjoni tal-ksur ta' mobile li gie kkalkulat aktar minn seba' mitt ewro. Tali figura hija assolutament esagerata. Jekk wiehed imqar jara illi l-aktar haga sofistikata li hawn fis-suq tal-elettronika portable hija l-ipad tal-apple, din ma taqbizx lanqas dak l-ammont.

Allura l-Qorti ma tistax tasal ghal dak l-ammont ta' dannu imma trid tmur ghal dak illi r-raguni tghid illi fil-fatt huwa valur inqas u konsegwentement japplikaw ir-regoli tad-diminuzzjoni tal-piena minhabba l-valur. Rigward it-tentattiv ta' korruzzjoni, l-esponenti jichad kategorikament illi ghamel dan il-fatt u ghall-inqas kien hemm konflitt ta' provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti kellha ssibu hati taht l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u mhux issibu hati taht l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti qieset bir-reqqa l-argumenti tal-appellant u analizzat ir-ragunament tal-ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti ghandha perfettament ragun u lahqet il-konkluzjoni taghha wara analizi ta' dawn iz-zewg artikoli tal-ligi li din il-Qorti tikkondividi. Ghalhekk, dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

Illi t-ttieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt tal-istat ta' sokor fis-sewqan tieghu. L-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 34(4) tal-Kodici Kriminali biex jiggustifika l-fatt li hu ma jistx jinstab hati ta' sewqan taht l-influwenza tax-xorb. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan ir-ragunament minhabba l-fatt li hu l-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola din il-materja. Ghalhekk, l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni ta' htija tal-appellant. Ghalhekk, dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-valur tal-mobile li gie danneggjat mill-appellant. L-argument migjub minnu hu ghal kollox infondat u ma jaghmel ebda sens. Ebda kumment iehor hu zejjed.

Illi r-raba' aggravju jirrigwarda t-tentattiv ta' korruzzjoni tal-kuntistabbli. Hawnhekk, l-appellant qed jichad kategorikament dan il-fatt. Din il-Qorti fliet l-atti tal-kawza u taqbel mal-ewwel Qorti li t-testimonjanza tal-kuntisabbli hi veritjera. Ghalhekk, dan l-agggravju ma jistax jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Wayne Delia u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Dwar il-piena minhabba t-trapass ta' zmien din il-Qorti ser tnaqqas il-piena tal-appellant. Ghalhekk, thassar u tirrevoka l-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija. L-appellant ghandu jhallas is-somma ta' €372.70 lill-PC1314 Raymond Ambrogio u is-somma ta' €16.31 lill-Kummissarju tal-Pulizija fi zmien sittin (60) gurnata mil-lum.